# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San { u\ epp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet fiċ-Ċentru ta' Matul Il-Jum għall-Anzjani, fi Triq il-Karmelitani , Santa Venera, nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Lulju, 2012, fis-7 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier (ċemplet li kienet mistiedna mill-Ministeru fejn taħdem) |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (bagħat ittre li ried jipprepara għax kellu riċeviment fil-Każin tal-PL) |

**Assenti** Is-Sur Cleaven C. Bugeja - Kunsillier

**Pubbliku preżenti**

Is-Sur Charles Scerri
Is-Sur Anthony Attard
Is-Sur Joseph Muscat
Is-Sinj Gladys Mallia
Is-Sur Joseph Mallia
Is-Sur Silvio Farrugia
Is-Sur Orlando Ellul Micallef
Is-Sur Paul Spiteri

**Aġenda:**

**1. Introduzzjoni mis-Sindku**
**2. Rapport Amministrattiv 2011**
**3. Estimi Finanzjarji 2011**
**4. Diskussjoni**
**5. Għeluq**

Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

## 1 Introduzzjoni mis-Sindku

1.1 Is-Sindku s-Sur Horace J Anastasi beda b'talba. Huwa rringrazzja lis-Sinj Mary Rose Sacco, Kap taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani talli ġiet tiftħilna u tistennina mingħajr interessi.

1.2 Is-Sindku informa lill-pubbliku preżenti li għal din il-Laqgħa tal-Lokalita' saru diversi avviżi fuq il-gazzetti lokali u fuq ir-radju nazzjonali. Din il-laqgħa kienet qabel kull stedina minn xi Għaqda, Klabb jew Entita' għall-Festa ta' Santa Venera u li saret f'dan iż-żmien peress li minn Jannar sa Ġunju issejħu 26 laqgħa li, wħud minn dawn il-laqgħat ma sarux għax spiċċaw bla kworum.

1.3 Is-Sindku zied jghid li huwa kien dejjem preżenti għas-sitta u għoxrin (26) Laqgħa li nżammu fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Huwa spjega kif fl-assenza tal-Eks Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur JM Formosa, l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ma setax imur 'il quddiem. Fil-fatt, is-Sindku għamel ħafna mix-xogħol amministrativ u, li suppost kellu jagħmlu l-Eks Aġent Segretarju Eżekuttiv. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma kienux jagħtu kas ittri mibgħuta mis-Sindku. Imma peress li l-Eks Aġent Segretarju Eżekuttiv ma kienx jattendi regolari u, ġieli f'xahar, attenda 15 il-siegħa biss, is-Sindku xammar il-kmiem u ntefa' b'ruħu u b'ġismu fix-xogħol tal-amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill xorta mexxih ħafna l-quddiem. Huwa semma t-toroq tal-PPP---toroq mgħejjuna mill-Gvern Ċentrali. Kieku kellna Segretarju Eżekuttiv fiss, kieku dawn it-toroq inbdew is-sena l-oħra u mhux kif hawn xi għajdut li għax ġejja l-elezzjoni; dawn it-toroq kienu skjedati. Huwa spjega kif il-Kunsill beda x-xogħol fuq Triq Braille. Fuq il-*facebook* kien qed ikun hemm xi kummenti żejda mill-Kunsillier Stephen Sultana u li ma jirriflettux ix-xogħol siewi u ħabrieki tas-Sindku u l-Kunsill.

## 2 Rapport Amministrattiv 2011

2.1 Is-Sindku ntroduċa l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sinj Louise-Anne Gusman biex taqra ir-Rapport Amministrattiv għas-Sena 2011 u l-Estimi Finanzjarji 2011.

2.2 Is-Sinj Louise-Anne Gusman qrat ir-Rapport Amministrattiv għas-Sena 2011 u l-pubbliku ġie mistieden biex jistaqsi xi mistoqsijiet biex dlonk jintwiegbu. F'dal-ħin ħadd mill-persuni preżenti ma kellu mistoqsijiet.

## 3 Estimi Finanzjarji 2011

3.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv bdiet taqra l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2011. Il-pubbliku reġa' ġie mistieden jekk kellux xi mistoqsija dwar l-Estimi Finanzjarji.

## 4 Diskussjoni

4.1 Il-laqgħa tkompliet billi s-Sindku spjega d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom il-Kunsill Lokali---dwar il-Latrina Pubblika u li huwa ltaqa' mas-Segretarju l-Ġdid tal-Klabb tal-Boċċi s-Sur Alfred Zammit. Is-Sur Horace J. Anastasi stqarr li offra l-id tar-rikonċiljazzjoni billi wiegħed lis-Sur Alfred Zammit li l-Kunsill kien se jħallas il-kontijiet kollha bl-interessi kollha u, li mbagħad, il-Klabb tal-Boċċi kellu jagħmel il-biċċa tiegħu. Il-ARMS ma accettawx li l-kont jitħallas mingħajr l-interessi u l-kontijiet pendenti tħallsu bi sħiħ. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill baqa' ma ħax dak li ftiehem mal-Klabb tal-Boċċi. Huwa qal li din kienet 'acqua passata' u li rridu nimxu l-quddiem.

4.2 Is-Sindku semma' ż-żbir tas-sigar u li l-Kunsill qabbad l-Għaqda tan-Nar biex jiżbru s-siġar tal-Kunsill u tħallsu kemm tippermetti l-liġi jiġifieri elf, mija u erbgħa u sittin ewro (€1164). Hawnhekk is-Sindku staqsa l-pubbliku preżenti jekk kienx hemm xi kummenti.

4.3 Is-Sur Joseph Mallia staqsa kif ħa jintefqu l-flus u jekk hemmx xi pjan.

4.4 Is-Sindku wieġeb li qabel il-toroq kienu ser isiru b'tarmak ta' xi 2 pulzieri u li kienu ser jiswew xi €257, 263. Sadanittant il-Kunsill għażel is-servizzi ta' Perit ġdid u intalbet stima ġdida. Is-Sur Anastasi rrimarka li mnalla saħaq mal-Kunsill biex isir *survey* ieħor għax kieku ma nħadimx ix-xogħol li nħadem issa fi Triq Braille. Fi Triq Braille saru s-servizzi tal-ilma u tad-drenaġġ, sar xogħol ta' testijiet tal-ilma, *scarifying* tat-triq u *Plate-Bearing Tests* tat-triq li, f'dawn 'l aħħar seba' snin żgur li qatt ma saru bħalhom; x'aktarx lanqas qabel qatt ma saru. It-triq

kienet qed tisfronda. Kien hemm spiera li kienet qed twaddab ilma min-naha ta' Triq Carini u tibqa' tisporġi għal ġo Triq Braille u kif tiskorri tliet kwarti minnha twaddab għal residenza; kellhom jitnaddfu l-kanali kollha, saret ix-xibka u għamlu l-kaptelli qabel ma nksiet bit-tarmak. Kieku ma saritx din l-operazzjoni delikata u mportanti, kien se jintilef ammont sostanzjevoli t'ilma. It-tarmak kellu jogħla għal 80 mm. Triq Braille tlestiet mit-tarmak kif kien skjedat u mwiegħed—sa ġimgħa qabel il-Festa titulari ta' Santa Venera Verġni u Martri. Bejn it-Tnejn u t-Tlieta li ġejjin is-Sindku spjega li kien ser isir ix-xogħol taż-żebgħa tal-ispazji tal-pparkjar, tas-*sleeping policemen* u tal-*pedestrian crossing*, it-Tabelli u l-*cats' eyes*.

4.5 Is-Sindku ta l-estimi tal-4 toroq li jmiss u li ser isiru bejn issa u Diċembru. Spjega kif diġa' ntefgħet l-applikazjoni għal Triq l-Msida imma, l-ewwel ser iħallu l-festa tgħaddi.

4.6 Fuq Misraħ Santa Venera s-Sindku informa lill-pubbliku preżenti li l-istatwa ta' Santa Venera V.M. ser tingħata b'xejn mis-Sur Charles Scerri u ta' dan irringrazzjah. Is-Sindku tkellem fuq it-tisbiħ ta' Misrah Santa Venera u li minħabba z-zuntier, il-pedestal għall-istatwa u l-pavimentar li ġew introdotti, l-istima ser titla' ħafna iżjed imma, ma kien se jittieħed xejn mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sur Anastasi kompla jgħid li kif kien wiegħed ma kienx se jmiss mill-fondi tal-Kunsill imma, se jittieħdu mill-fondi tal-Urban Improvement Funds (UIF) u se jittieħdu wkoll, dawk is-sebgħa u erbgħin elf ewro (€47,000) li kien tana l-eks Ċermen tal-MITA, s-Sur Claudio Grech. Is-Sindku rrimarka li Triq Misrah il-Barrieri ma setgħetx tinbeda dina s-sena għax ma kienx hemm flus ibbaġitjati għaliha u, għaldaqstant, wiegħed li tinbeda fil-bidu tas-sena d-dieħla---2013. Dina t-triq ser tiġi tiswa kważi daqs l-erba' toroq il-oħra.

4.7 Fuq il-ġonna, għaddejja ħidma sfieqa u hawn, is-Sindku rringrazzja lill-Onor. Ministru Ġorġ Pullicino u lil xi Uffiċjali u ħaddiema mill-MRRA u mill-IPSL li mingħajr l-għajnuna tagħhom ma kienx isir ix-xogħol li sar. Is-Sur Horace J. Anastasi semma li se jiġu rrestawrati l-monumenti tal-ġonna li kienu ġew ivvandaliżżati. Is-Sindku sostna li l-elettorat eleġġihom biex itejbu, jsebbħu, jedukaw u jiddixxplinaw lil-Lokal ta' Santa Venera. Semma wkoll li minbarra li b'mod regolari qed jintħawlu l-fjuri fil-ġonna tagħna u issa, qed jitħawlu wkoll, xi fjuri quddiem l-Istitut t'Apap. Brother Lawrence tal-Parroċċa ta' Santa Venera V.M. aċċetta li jibda jsaqqihom hu. Is-Sur Anastasi rringrazzjah pubblikament.

4.8 Is-Sur Joseph Muscat staqsa fiex wasslu r-rapporti fuq il-*parking* u li n-nies kienu naqra urtati peress li ma setgħux isibu fejn jipparkjaw.

4.8.1 Is-Sur Muscat qal li kellhom xi informazzjoni mit-Trasport Malta biex jigu *timed parking* u staqsa x'inhu isir f'dan ir-rigward.

4.8.2 Is-Sindku rrisponda lis-sena l-oħra dawn tressqu waqt laqgħa tal-Kunsill u ghaddew, applikaw mat-Trasport Malta u lid-dokumenti qegħdin f'idejn il-Perit Testaferrata De Noto.

4.8.3 Is-Sur Muscat staqsa li peress li l-affarijiet jidhru weqfin, forsi aħjar li jkellmu lil xi ħadd iżjed ogħla.

4.8.4 Is-Sindku qal li l-affarijiet altru li mhumiex reqdin għax il-Kunsill applika ghall-Triq il-Kappillan Mifsud, Triq il-Ferrovija, Triq il-Kanun, Triq Hal Qormi, Triq Carini u anka t-toroq ta' ħdejhom biex jkun hemm *Timed Parking* u, għadu jsegwihom u jsus fuqhom.

4.8.5 Is-Sinj Gladys Mallia sostniet li l-problema tinsab f'kull triq f'Santa Venera u f'kull lokalita' oħra.

4.8.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill talab biex isiru tabelli biex tipparkja għal 60min./90min. u li ma jistgħux jirritornaw fl-istess post sa sagħtejn wara---mhux għar-Residenti.

4.8.7 Is-Sur Charles Scerri qal li jeżistu problemi ta' *parking* f'postijiet iżjed akuti minn oħra. Hemm problema min-nies li jaħdmu f'Santa Venera u li kien hemm żmien meta l-impjegati kienu jipparkjaw fil-5.30 ta' filgħodu. Bit-tabelli li kien hemm qabel, ir-residenti setgħu jipparkjaw mal-ħajt tar-residenti stess u n-nies 'l oħrajn jipparkjaw fejn isibu u kien hemm min qal li kien egoiżmu. Kompla billi qal li l-problemi huma l-iżjed ħdejn il-Park Towers, Patri Ġustin Sant, Trejqa tal-Ferrovija, fejn joqgħod is-Sindku preżenti, eċċetra.

4.8.9 Is-Sindku wieġeb li l-kelliem ma kienx eżatt u li fil-fatt, l-imsemmija tabelli tneħħew mhux għax huma egoisti iżda, għax kien hemm stennija ta' sentenza definittiva mill-Qorti tal-Appell. Żied jgħid li f'Misraħ Santa Venera ser jintalab biex ikollhom tabelli li jistgħu jipparkjaw għal 60 min. u, li ma jistgħux jerġgħu jipparkjaw qabel ma jgħaddu sagħtejn. Ovvju lir-Residenti jkunu jistgħu jipparkjaw.

4.10 Hawnhekk, f'xit-7.50 ta' filgħaxija l-Vici Sindku Ronald Briffa skuża ruħu għax kellu jitlaq minħabba li kien xogħol.

4.11 Is-Sindku informa lill-Pubbliku preżenti li huwa mar min 2 sa 3 darbiet fuq il-postijiet imsemmija aktar qabel mas-Sur Josie Brincat, Konsulent tat-TM u mas-Sur Charles Muscat mill-Uffiċċju tal-Perit De Noto. Dawn il-*one-ways* u t-*timed parking* kienu mwegħdin mis-sena l-oħra imma, stqarr li donnu xi ħadd qed jipprova jtellfu milli javvanza l-Lokal ta' Santa Venera. Is-Sur Anastasi stqarr li huwa talab biex xi toroq qrib il-LiDL jiġu *One-Way*---Parti minn Triq San Ġorġ u Triq Salvinu Spiteri jiġu *One-Way*, Triq San Pawl tiġi *One-Way*, Triq Il-Ward tiġi *One-Way* u, kemm-il triq biex jiġu bit-*Timed Parking*.

4.12 Is-Sindku semma l-kawża li dehret fuq il-gazzetti fuq il-każ ta' Santa Venera kontra in-Nutar Critien. Kulħadd sar jaf li l-Kunsill weħel il-flus minħabba l-*hump* ta' Triq Braille. Huwa ta spjegazzjoni ta' kif saret il-kawża imma, peress li l-Kunsill ma kellux flus, ma setax jappella mis-sentenza u minbarra hekk ma sabx kooperazzjoni mill-Kunsillieri; pjuttost li l-Kunsillier Stephen Sultana rrimarka xi kliem mhux mistenni. Is-Sindku sostna li huwa qiegħed hemm biex itejjeb il-lokal. Huwa kompla li qatt mhu kuntent biżżejjed, b'kemm jaħdem.

4.13 Fil-frattemp, għas-7.55 ta' filgħaxija l-Kunsillier Edwin Formosa, skuża ruħu għax ried jitlaq għar-riċeviment tal-PL.

4.14 Is-Sur Horace J Anastasi kompla jirrimarka lin-Nutar Critien huwa s-sid tal-karozza li ġarbet il-ħsara waqt li ibnu (Nutar ukoll) kien qed isuq u li miegħu kellu xi ħbieb. Is-Sindku kompla li l-avukat li dehret għan-Nutar Critien kienet l-għarusa t'ibnu n-Nutar li, laqat is-*sump* tal-vettura 'in questione'. In-Nutar stqarr li ma ntebaħx bil-ħsara li ġarbet il-karozza ta' missieru meta saq minn fuq il-*hump* ta' Triq Braille iżda, meta wasal il-Gżira u, allura kien dalam aktar, mill-mera ta' ġol-karozza seta' jara ż-żejt iqattar fit-triq. Is-Sindku qal li huwa qatt ma jiddubbita sentenza ta' Magistrat imma, hu kien ħassha ħafna lill-Kunsill tilef din il-kawza b'dan il-mod. Is-Sindku stqarr kif ġol-Awla spjega lill-Kummissarju tal-Ġustizzja, fit-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar, fuq xi ritratti li ttieħdu mill-istess Nutar u, li ttieħdu fid-dawl tax-xemx u b'tali mod liż-żebgħa 'l bajda ta' fuq is-*sleeping policeman* ma kenitx tirrifletti kif kienet tidher fir-realta'. Huwa wera wkoll, fejn kien hemm lampa, kważi fuq l-istess *hump*, fejn kien hemm aktar dawl fil-qrib u lis-sinjali 'l bojod kienu jidhru aktar fid-dlam milli kif ittieħdu fuq ir-ritratt ippreżentat fit-Tribunal. Is-Sindku stqarr li mar biex josserva l-karozzi kemm binhar u kemm bil-lejl, kemm is-Sibt, il-Hadd kif ukoll, it-Tnejn ta' wara li rċieva t-taħrika, sabiex jistudja kif il-karozzi jgħaddu minn fuq din il-*hump*. Is-Sur Anastasi rrimarka kif spjega lit-Tribunal li biex iħokk is-sump ta' karozza bilfors, li tkun għaddejja bl-istess veloċita' u ma tnaqqasx biżżejjed biex isuq minn fuq l-istess tumbata. Fakkar ukoll li kien hemm it-tabella li turi li ġejja tumbata. Is-Sindku stqarr li huwa qatt ma kien jemmen li din il-kawza kienet se tintrebah hekk u ddispjaċih li ma setax jappella għax emmen li, kieku setgħet tintrebaħ mill-Kunsill.

4.15 Is-Sur Scerri reġa' saħaq fuq il-*parking* u jekk il-Kunsill Lokali kienx qed jistenna xi tweġiba.

4.15.1 Is-Sindku wieġeb li anka jekk il-Kunsill jibqa' bla risposta xorta waħda se jibqgħu jsusu fuq dan is-suġġett.